32006R0040

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 40/2006

ta' l-10 ta' Jannar 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 4/2004 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 dwar is-sindakar mill-Istati Membri ta' operazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mit-Taqsima tal-Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanziji

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Filwaqt li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Filwaqt li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar is-sindakar (skrutinju) mill-Istati Membri ta' operazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta' finanzjament mit-Taqsima tal-Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanziji (FAEGG) u li jħassar id-Direttiva 77/435/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 jirrikjedi lill-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni xi informazzjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2004 [2] jipprovdi għall-istandardizzazzjoni tal-forma u l-kontenut ta' dawn il-komunikazzjonijiet. Minħabba li l-istandardizzazzjoni tagħmilha aktar faċli li tintuża l-informazzjoni sottomessa u tiżgura l-uniformità ta' l-istrateġija, għandhom jiġu adottati aktar regoli dettaljati dwar il-forma u l-kontenut tal-komunikazzjonijiet.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 4/2004 għalhekk għandu jiġi emendat f'dan is-sens.

(3) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanziji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 4/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar kull wieħed mill-aspetti ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 kif stabbilit fil-Parti I ta' l-Anness II ta' dan ir-Regolament, u għandu jinkludi informazzjoni dettaljata skond il-kampjuni tal-formoli murija fil-Parti II ta' dak l-Anness.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-lista ta' impriżi msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 għandha ssir skond il-kampjun tal-formola murija fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u għandha tinkludi Data dwar tranżazzjonijiet f'forma speċifikata taħt l-Artikolu 6(3).";

(c) huwa miżjud dan il-paragrafu:

"8. L-analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 għandha ssir skond il-kampjun tal-formola murija fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament."

(2) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

1. L-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa skond l-Artikolu 5(1) sa (4) u (7) u (8) għandha tiġi kkomunikata f'forma elettronika, fil-format li għandha tispeċifika l-Kummissjoni.

2. L-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa skond l-Artikolu 5(5) u (6) għandha tiġi kkomunikata fuq il-karta jew f'forma elettronika, f'format li għandu jiġi miftiehem bejn il-persuna li qed tibgħat u r-riċevitur. Il-konferma ta' kull talba/risposta rċevuta taħt l-Artikolu 5(5) u (6) għandha tintbagħat lill-persuna li qed tibgħat.

3. Id-Data dwar it-tranżazzjoni taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 għandha tiġi kkomunikata f'forma elettronika, fil-format speċifikat fl-Anness I, fl-Anness II, punt 2 u fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2390/1999 [*]."

[1] ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2154/2002 (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 4).

[2] ĠU L 2, 6.1.2004, p. 3.

[*] ĠU L 295, 16.11.1999, p. 1."

(3) L-Anness II huwa sostitwit mit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Anness III huwa sostitwit mit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(5) L-Anness VIII huwa sostitwit mit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(6) Huwa miżjud Anness IX ġdid, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jgħodd direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS II

PARTI I

L-informazzjoni li għandha tinsab fir-rapport annwali provdut fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89

1. **L-amministrazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89**

Għandha tingħata informazzjoni dwar l-amministrazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89, inkluż tibdiliet fl-organizzazzjonijiet responsabbli għall-kontrolli u fid-dipartiment speċjali responsabbli għas-sorveljanza ta' dak ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 11 tiegħu, u fil-kompetenzi ta' dawk l-organizzazzjonijiet.

2. **Tibdiliet leġiżlattivi**

Għandha tingħata informazzjoni dwar kwalunkwe tibdil leġiżlattiv nazzjonali rilevanti għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 li saru mill-aħħar rapport annwali.

3. **Emendi għall-programm ta' skrutinju**

Għandha tingħata deskrizzjoni ta' kwalunkwe emenda jew modifika li saret fil-programm ta' skrutinju sottomess lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 mid-data tas-sottomissjoni ta' dak il-programm.

4. **L-esekuzzjoni tal-programm ta' skrutinju kopert mir-rapport kurrenti**

Għandha tingħata informazzjoni dwar l-esekuzzjoni tal-programm ta' skrutinju għall-perjodu li jintemm fit-30 ta' Ġunju ta' qabel id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni tar-rapport, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89, inklużi l-punti li ġejjin, kemm bħala total kif ukoll imqassma skond il-korp tal-kontroll (fejn aktar minn korp wieħed iwettaq il-kontrolli taħt dak ir-Regolament):

(a) in-numru ta' impriżi li ġew skrutinizzati matul il-perjodu ta' skrutinju, skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja A ta' dan l-Anness;

(b) in-numru ta' impriżi li għadhom qed jiġu skrutinizzati, skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja A ta' dan l-Anness;

(c) in-numru ta' impriżi li ma kinux soġġetti għal skrutinju matul il-perjodu konċernat b'riżultat tan-nuqqas ta' esekuzzjoni ta' xi skrutinji, skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja A ta' dan l-Anness;

(d) ir-raġunijiet għaliex l-iskrutinji msemmija fil-punt (c) ma twettqux;

(e) it-tqassim, skond l-ammonti rċevuti minn jew imħallsa lil, u skond il-miżura, ta' l-iskrutinji msemmija fil-punti (a), (b), u (c), skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja B ta' dan l-Anness;

(f) ir-riżultati ta' l-iskrutinji msemmija fil-punt (a), skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja C ta' dan l-Anness, inkluż:

(i) in-numru ta' skrutinji li għalihom ġew skoperti l-irregolaritajiet, u n-numru ta' impriżi involuti,

(ii) in-natura ta' dawk l-irregolaritajiet,

(iii) il-miżura konċernata fejn ġiet skoperta irregolarità,

(iv) il-konsegwenza finanzjarja stmata ta' kull irregolarità;

(g) indikazzjoni tal-medja tad-dewmien ta' l-iskrutinji f'persuni/jiem, b' indikazzjoni, fejn prattikabbli, tal-ħin imqatta' fuq l-ippjanar, il-preparazzjoni, l-esekuzzjoni tal-kontrolli u r-rapportar.

5. **L-esekuzzjoni tal-programmi ta' l-iskrutinji qabel dak kopert mill-programm preżenti**

Ir-rapport għandu jkun fih ir-riżultati ta' l-iskrutinji mwettqa fir-rigward tal-perjodi ta' l-iskrutinju ta' qabel, li għalihom ir-riżultati ma kinux disponibbli fil-ħin tas-sottomissjoni tar-rapporti għal dawk il-perjodi ta' skrutinju, li jinkludu għal kull perjodu ta' l-iskrutinju ta' qabel:

(a) l-istat ta' l-iskrutinji kkomunikati taħt il-punt 4 (b) u (c) fir-rapporti annwali dwar l-iskrutinju ta' qabel, skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja D ta' dan l-Anness,

(b) in-numru ta' skrutinji li permezz tagħhom ġew skoperti l-irregolaritajiet u n-numru ta' impriżi involuti, skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja C ta' dan l-Anness,

(c) in-natura ta' dawn l-irregolaritajiet, skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja C ta' dan l-Anness,

(d) il-miżura konċernata fejn ġiet skoperta irregolarità, skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja C ta' dan l-Anness,

(e) il-konsegwenza finanzjarja stmata ta' kull irregolarità, skond il-kampjun tal-formola murija fil-Folja C ta' dan l-Anness.

Ir-riżultati ta' l-iskrutinji skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 għandhom jiġu ppreżentati bħala tali.

6. **L-Assistenza reċiproka**

It-talbiet għal assistenza reċiproka magħmula u rċevuti skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89 għandhom jiġu kkomunikati, inklużi r-riżultati ta' l-iskrutinji mwettqa bi prijorità skond l-Artikolu 7(2) u (4) ta' dak ir-Regolament, u taqsira tal-listi kemm mibgħuta kif ukoll irċevuti skond l-Artikolu 7(2) u (3) ta' dak ir-Regolament.

7. **Ir-Riżorsi**

Għandhom jiġu trażmessi dettalji dwar ir-riżorsi disponibbli għat-twettiq ta' l-iskrutinji skond ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89, inkluż:

(a) in-numru ta' impjegati, indikat bħala persuni/snin, allokati għall-iskrutinji skond ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89, għal kull korp ta' kontroll, u fejn xieraq, kull reġjun;

(b) taħriġ mogħti lill-impjegati li jaħdmu fuq l-iskrutinji skond ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89, b' indikazzjoni tal-proporzjon ta' l-impjegati msemmi fil-punt (a) li rċevew dan it-taħriġ, u n-natura tat-taħriġ stess; u,

(c) tagħmir tal-kompjuter u għodda disponibbli għall-impjegati li jaħdmu fuq l-iskrutinji skond ir-Regolament (KEE) Nru 4045/89.

8. **Id-diffikultajiet fl-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89**

Għandha tingħata informazzjoni dwar diffikultajiet li qamu fl-applikazzjoni tar-Regolament, u l-miżuri meħuda biex jiġu megħluba jew proposti għal dan l-iskop.

9. **Suġġerimenti għal titjib**

Fejn xieraq, għandhom isiru suġġerimenti għat-titjib, jew ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89, jew ta' dak ir-Regolament stess.

PARTI II

FOLJA A

RAPPORT TA' L-ISKRUTINJU GĦALL-PERJODU …

(L-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

Total:

1. (A) In-numru totali ta' impriżi li għandhom jiġu kkontrollati:

2. (A) In-numru totali ta' impriżi kkontrollati:

3. (A) In-numru totali ta' impriżi fil-fażi tal-kontroll:

4. (A) In-numru totali ta' impriżi li għadhom mhux ikkontrollati:

Korp tal-kontroll:

1. (B) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu kkontrollati:

2. (B) In-numru ta' impriżi kkontrollati:

3. (B) In-numru ta' impriżi fil-fażi tal-kontroll:

4. (B) In-numru ta' impriżi li għadhom mhux ikkontrollati:

Korp tal-kontroll:

1 (C) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu kkontrollati:

2. (C) In-numru ta' impriżi kkontrollati:

3. (C) In-numru ta' impriżi fil-fażi tal-kontroll:

4. (C) In-numru ta' impriżi li għadhom mhux ikkontrollati:

Korp tal-kontroll:

1. (D) In-numru ta' impriżi li għandhom jiġu kkontrollati:

2. (D) In-numru ta' impriżi kkontrollati:

3. (D) In-numru ta' impriżi fil-fażi tal-kontroll:

4. (D) In-numru ta' impriżi li għadhom mhux ikkontrollati:

Noti fuq il-kaxxi:

Fejn jgħodd, għandhom jiżdiedu kaxxi addizzjonali u jiġu provduti aktar spjegazzjonijiet

FOLJA B

RAPPORT TA' L-ISKRUTINJU GĦALL-PERJODU …

(L-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

Rapport tal-kontroll fir-rigward ta' l-intestaturi tal-baġit tal-Fond ta' Garanzija tal-FAEGG fir-rigward tas-sena finanzjarja tal-FAEGG …

Programm ta' skrutinju …

B(1) Nru ta' l-Artikolu jew tal-Partita tal-baġit tal-FAEGG	B(2) Valur totali ta' nfiq marbut ma' impriżi maghżula ghall-iskrutinju … (EUR)	B(3) Impriżi kkontrollati		B(4) Impriżi fil-faži tal-kontroll	B(5) Impriżi mhux ikkontrollati
		(i) Infiq attwalment ikkontrollat (EUR)	(ii) Infiq totali relatat ma' dawk l-impriżi (EUR)	(i) Infiq totali relatat ma' dawk l-impriżi (EUR)	(i) Infiq totali relatat ma' dawk l-impriżi (EUR)
Totali:					

FOLJA C

RAPPORT TA' L-ISKRUTINJU GĦALL-PERJODU …

(L-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

Irregolaritajiet potenzjali skoperti fir-rigward ta' l-intestaturi tal-baġit tal-Fond ta' Garanzija tal-FAEGG fir-rigward tas-sena finanzjarja tal-FAEGG …

Programm ta' skrutinju …

C(1) Nru ta' l-Artikolu jew tal-Partita tal-baġit tal-FAEGG	C(2) Numru ta' irregolaritajiet potenzjali skoperti	C(3) Numru ta' ħlasijiet ikkonċernati	C(4) Numru ta' impriżi kkonċernati	C(5) Valur stmat ta' l-irregolaritajiet potenzjali	C(6) Deskrizzjoni u natura ta' kull irregolarità potenzjali skoperta, in-numru/i ta' riferenza ta' l-impriża/i kkonċernata/i u n-numru/i ta' riferenza ta' OLAF fejn tkun intbaghtet komunikazzjoni skond l-Art. 3 tar-Regolament (KE) Nru 595/91.
Totali:					

FOLJA D

RAPPORT TA' L-ISKRUTINJU GĦALL-PERJODU …

(L-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

L-esekuzzjoni ta' l-iskrutinji relatati ma' programmi ta' kontroll ta' qabel

Programm ta' skrutinju …

D(1) Numru ta' impriżi ddikjarati fir-rapport ta' qabel bħala fil-fażi tal-kontroll:	D(2) Numru ta' impriżi f'D(1) li għalihom tlestew il-kontrolli	D(3) Numru ta' impriżi f'D(1) li għalihom il-kontrolli għadhom għaddejjin:	
D(4) Valur ta' nfiq relatat ma' impriżi f'D(1):	D(5) Valur ta' nfiq relatat ma' impriżi f'D(2):	D(6) Valur ta' nfiq relatat ma' impriżi f'D(3):	
	D(7) Valur ta' nfiq effettivament ikkontrollat relatat ma' impriżi f'D(2):		
D(8) Numru ta' impriżi li għalihom il-kontrolli fir-rapport ta' qabel kienu ddikjarati li għadhom ma bdewx:	D(9) Numru ta' impriżi f'D(8) li għalihom tlestew il-kontrolli:	D(10) Numru ta' impriżi f'D(8) li għalihom il-kontrolli għadhom għaddejjin:	D(11) Numru ta' impriżi f'D(8) li għalihom il-kontrolli ma nbdewx:
D(12) Valur ta' nfiq relatat ma' impriżi f'D(8):	D(13) Valur ta' nfiq relatat ma' impriżi f'D(9):	D(14) Valur ta' nfiq relatat ma' impriżi f'D(10)	D(15) Valur ta' nfiq relatat ma' impriżi f'D(11):
	D(16) Valur ta' nfiq effettivament ikkontrollat relatat ma' impriżi f'D(9):		

ANNESS II

"ANNESS III

FOLJA A

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GĦALL-PERJODU .....

(L-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

1. **Kalkolu tan-numru minimu ta' impriżi**

	A (1) In-numru ta' impriżi li l-irċevuti jew il-ħlasijiet tagħhom, jew is-somma tagħhom, ammontaw għal aktar minn EUR 150,000 għas-sena finanzjarja tal-FAEGG …		A(2) The minimum number
Jiġifieri		× 1/2 =	

2. **Il-popolazzjoni li minnha ssir l-għażla**

In-numru totali ta' impriżi li rċevew jew għamlu ħlasijiet soġġetti għall-iskrutinju taħt ir-Reg. 4045/89 matul is-sena finanzjarja … kien kif ġej:

IA (3) In-numru totali

In-numru totali li l-irċevuti jew il-ħlasijiet tagħhom, jew is-somma tagħhom, kienu fil-kategoriji li ġejjin:

A (4) Aktar minn EUR 350,000	A (5) EUR 350,000 jew inqas, iżda mhux inqas minn EUR 40,000	A (6) Inqas minn EUR 40,000

3. **Impriżi proposti għall-iskrutinju:**

A (7) In-numru totali	A (8) Total ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju

In-numru totali li l-irċevuti jew il-ħlasijiet tagħhom, jew is-somma tagħhom, kienu fil-kategoriji li ġejjin:

A (9) Aktar minn EUR 350,000	A (10) EUR 350,000 jew inqas, iżda mhux inqas minn EUR 40,000	A (11) Inqas minn EUR 40,000

Noti dwar il-kaxxi:

A (4) Huwa obbligatorju li jiġu skrutinizzati l-impriżi f'din il-kategorija li ma kinux skrutinizzati skond dan ir-Regolament matul iż-żewġ perjodi ta' skrutinju qabel dan il-perjodu ta' skrutinju, kemm-il darba l-ħlasijiet li jkunu rċevew ma kinux taħt miżura jew miżuri li għaliha/hom ġew adottati metodi ta' għażla bl-analiżi tar-riskju.

A (9) L-impriżi f'din il-kategorija għandhom jiġu skrutinizzati għal raġunijiet speċifiċi biss, li għandhom jiġu indikati fil-Folja D ta' dan l-Anness.

FOLJA B

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GĦALL-PERJODU …

(L-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

Skema ta' kontroll fir-rigward ta' l-intestaturi tal-baġit tal-Fond tal-Garanzija tal-FAEGG

Sena finanzjarja tal-FAEGG …

B(1) Nru ta' l-Artikolu jew tal-Partita tal-baġit tal-FAEGG	B(2) Infiq totali skond l-intestatura tal-baġit tal-FAEGG … (EUR)	B(3) Infiq totali skond l-intestatura tal-baġit tal-FAEGG dwar impriżi li l-irċevuti jew il-hlasijiet taghhom, jew is-somma taghhom, kienu aktar minn 40 000 EUR … (EUR)	B(4) Infiq totali skond l-intestatura tal-baġit tal-FAEGG dwar impriżi inklużi fil-programm ta' skrutinju … (EUR)	B(5) Numru ta' impenji mill-intestatura tal-baġit tal-FAEGG inklużi fil-programm ta' skrutinju
Totali:				

FOLJA C

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GĦALL-PERJODU …

(L-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

Il-kriterji adottati fit-tfassil tal-programm fil-qafas ta' rifużjonijiet għall-esportazzjonijiet u setturi oħrajn fejn ġew adottati metodi ta' l-analiżi tar-riskju fejn dawn huma differenti minn dawk inklużi fil-proposti għall-analiżi tar-riskju mibgħuta lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 2 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89.

Settur fejn huwa propost l-iskrutinju (uri l-intestatura tal-baġit tal-FAEGG kif stabbilit fil-kolonna B (1) tal-Folja B ta' dan l-Anness)	Kummenti dwar ir-riskju u l-kriterji ta' l-għażla (aġħti dettalji fil-qosor — eż., irregolaritajiet skoperti jew żieda eċċezzjonali fl-infiq)

FOLJA D

PROGRAMM TA' SKRUTINJU PROPOST GĦALL-PERJODU …

(L-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

Skrutinji proposti, jekk hemm, ta' intrapriżi li l-irċevuti jew il-ħlasijiet tagħhom, jew is-somma tagħhom, kienu ta' inqas minn EUR 40 000 matul is-sena finanzjarja tal-FAEGG …

Intestatura tal-baġit tal-FAEGG (kif stabbilit fil-kolonna B (1) tal-Folja B)	Numru ta' impriżi li huwa propost li jiġu skrutinizzati	Raġuni speċifika għall-iskrutinju

PROPOSED SCRUTINY PROGRAMME FOR THE PERIOD …

(Article 10 of Regulation (EEC) No 4045/89)

Total:

E(1) The total number of undertakings to be controlled:

Control body:

E(2) The number of undertakings to be controlled:

Control body:

E(3) The number of undertakings to be controlled:

Control body:

E(4) The number of undertakings to be controlled:

Notes on boxes:

Where applicable additional boxes are to be added and further explanations are to be provided.'

ANNESS III

"ANNESS VIII

RAPPORT TA' KULL KWART TA' SENA

(kif provdut fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89)

ta' … (Stat Membru)

dwar talbiet għal spezzjoni u dwar ir-riżultati ta' l-ispezzjoni għall-ewwel [ ], it-tieni [ ], it-tielet [ ], ir-raba' [ ] kwart 20 …

TABELLA TAL-PERSPETTIVA ĠENERALI TA' KULL KWART TA' SENA:

TALBIET mibgħuta lil:

Stat Membru	Numru totali għal kull SM	**TALBA**	
		Data Mibgħuta	Numru ta' Riferenza
Total:			

RISPOSTI mibgħuta lil:

Stat Membru	Numru totali għal kull SM	**RISPOSTA**	
		Data Mibgħuta	Numru ta' Riferenza
Total:			

Noti dwar il-kaxxi:

Kull talba/risposta mibgħuta matul il-kwart ta' sena għandha tiġi inkluża fit-tabella tal-perspettiva ġenerali.

Fejn jgħodd, għandhom jiżdiedu fillieri addizzjonali.

In-numru ta' riferenza għar-risposti mibgħuta għandu jkun l-istess bħan-numru ta' riferenza fuq it-talba korrispondenti għall-ispezzjoni.

FOLJA A

FORMOLA TAT-TALBA

(għal kull talba maħruġa)

Identifikazzjoni

A.1. Stat Membru li qed jagħmel it-talba:

2. Isem id-dipartiment speċjali:

8. Isem l-organizzazzjoni tal-kontroll responsabbli:

14. Numru tat-talba / referenza tar-rapport:

B.1. Stat Membru li jirċievi t-talba:

2. Organizzazzjoni:

C.1. Data tat-talba u numru ta' riferenza:

2. Programm ta' skrutinju:

3. Data tar-risposta u numru ta' riferenza:

D.1. Data dwar il-benefiċjarju fl-Istat Membru li qed jagħmel it-talba

— Isem:

— Indirizz:

— Numru ta' riferenza:

2. Data dwar il-benefiċjarju fl-Istat Membru li jirċievi t-talba

— Isem:

— Indirizz:

— Numru ta' riferenza:

G. Analiżi tar-riskju

1. Rata: għoli, medju jew baxx

2. Ġustifikazzjoni narrattiva għar-rata:

H. Ambitu u għan tal-kontroll:

FOLJA B

FORMOLA TAR-RISPOSTA

(għal kull risposta maħruġa)

Identifikazzjoni

B.1. Stat Membru li jirċievi t-talba:

2. Organizzazzjoni:

3. Uffiċċju reġjonali:

4. Isem il-kontrollur:

A.1. Stat Membru li qed jagħmel it-talba:

2. Isem id-dipartiment speċjali:

8. Isem l-organizzazzjoni tal-kontroll responsabbli:

14. Numru tat-talba / referenza tar-rapport

C.1 Data tat-talba u numru ta' riferenza:

2. Programm ta' skrutinju:

3. Data tar-risposta u numru ta' riferenza:

D.1. Data dwar il-benefiċjarju fl-Istat Membru li qed jagħmel it-talba

— Isem:

— Indirizz:

— Numru ta' riferenza:

2. Data dwar il-benefiċjarju fl-Istat Membru li jirċievi t-talba

— Isem:

— Indirizz:

— Numru ta' riferenza:

3. Impriżi oħrajn skrutinizzati:

— Isem:

— Indirizz:

H. Ambitu u għan tal-kontroll:

I. Lista ta' dokumenti ta' sostenn provduti:

J. Riżultat:"

ANNESS IV

"ANNESS IX

Informazzjoni li għandha tinsab fl-analiżi tar-riskju annwali msemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89

1. **Stima ta' l-analiżi tar-risku tas-sena ta' qabel**

Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' l-effettività ta' l-analiżi tar-riskju tas-sena ta' qabel, inkluża l-evalwazzjoni tal-punti ta' saħħa u ta' dgħufija tagħha. Kwalunkwe possibbiltà għal titjib għandha tiġi identifikata b'mod ċar u l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi kkunsidrata.

2. **Librerija ta' informazzjoni**

Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-għejun kollha ta' informazzjoni meqjusa sabiex tiġi ppreparata u mwettqa l-analiżi tar-riskju. Għandha ssir riferenza partikolari għar-Regolament (KEE) Nru 386/90.

3. **Il-proċedura ta' l-għażla**

Għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni tal-proċedura li għandha tiġi applikata sabiex jintgħażlu l-impriżi li għandhom jiġu skrutinizzati. Għandha ssir indikazzjoni ċara tan-numru/perċentwal ta' impriżi u s-setturi/miżuri li għalihom għandhom jiġu applikati analiżi tar-riskju, għażla għall-għarrieda, awtomatika u/jew manwali. Is-setturi/miżuri li għandhom jiġu esklużi għandhom jiġu identifikati b'mod ċar u r-raġunijiet għall-esklużjoni għandhom jiġu deskritti.

4. **Fatturi ta' riskju u valuri ta' riskju li għandhom jiġu applikati**

Fejn tiġi applikata analiżi tar-riskju, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-fatturi ta' riskju kollha li ġew meqjusa u l-valuri possibbli sussegwenti assenjati għal dawk il-fatturi ta' riskju. Din l-informazzjoni għandha tiġi provduta skond il-kampjuni tat-tabelli provduti hawn taħt.

Fatturi ta' riskju u valuri ta' riskju applikabbli għall-miżuri kollha soġġetti għall-analiżi tar-riskju		
Fatturi ta' riskju	Valuri ta' riskju	
	Deskrizzjoni	Valuri

Fatturi ta' riskju u valuri ta' riskju speċifiċi applikabbli għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni		
Fatturi ta' riskju	Valuri ta' riskju	
	Deskrizzjoni	Valuri

Fatturi ta' riskju u valuri ta' riskju speċifiċi applikabbli għal … (settur/miżura)		
Fatturi ta' riskju	Valuri ta' riskju	
	Deskrizzjoni	Valuri

5. **Id-differenzjazzjoni tal-fatturi ta' riskju**

Fejn xieraq, għandha tingħata deskrizzjoni tal-proċedura li għandha tiġi applikata biex jiġu differenzjati l-fatturi ta' riskju.

6. **Ir-riżultati ta' l-analiżi tar-riskju**

Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar kif ir-riżultati ta' l-analiżi tar-riskju u t-twaqqif ta' 'lista ta' punti' (għal kull settur/miżura speċifiku/a — fejn xieraq) ikunu riflessi fl-għażla ta' l-impriżi fil-pjan ta' skrutinju finali.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-possibbiltà ta' azzjonijiet konġunti kif provdut skond l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 4045/89.

7. **Diffikultajiet misjuba u suġġerimenti għat-titjib**

Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar diffikultajiet li nstabu u u l-miżuri li saru biex jiġu megħluba, jew proposti għal dan l-għan. Fejn xieraq, għandhom isiru suġġerimenti għal titjib."